MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2012

Numru 1325/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**
**(Spettur Jeanne Farrugia)**

**Vs**

**Raymond Portelli**
**Clyde Joe Cassar**
**omissis**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Raymond Portelli ta’ tlieta u hamsin (53) sena, bin Emanuel u Lucia neè Falzon, imwieled il-Pietà fit-3 ta’ Awwissu 1959 u residenti Binja Buqana, Block A, Flat 9, Triq it-Torri ta’ l-Arlogg, Mtarfa, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 543759(M) **u** ta’ Clyde Joe Cassar ta’ tnejn u erbghin (42)

sena, bin il-mejjet Anthony u Mary neè Borg, imwieled il-Kanada fid-29 ta' Lulju 1970 u residenti Nru.27, Sunset, Triq Ganu, Birkirkara, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 273387(M), flimkien, talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda fl-14 ta' Dicembru 2012 u fil-perjodu ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:

1. Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta;

2. Iffalsifikaw sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw fl-isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti, sew jekk ta' proprjetà pubblika jew privata, jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblika;

3. Xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub għal xi awtorità pubblika;

4. Ircevew passaport li gie trasferit lilhom minn persuna ohra;

5. Biddlu jew ghamlu xi tibdil f'passaport jew uzaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi passaport li huma kienu jafu li ġie ffalsifikat, mibdul jew sar xi tibdil fih u cioe' timbru;

6. Iffalsifikaw dokument jew kopja vera ta' dokument jew registrazzjoni maghmula skont l-Att Dwar l-Immigrazzjoni;

U lil Clyde Joe Cassar wahdu, talli fl-istess cirkostanzi:

7. Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li kellu d-dmir tat-trigija, tal-irfigh, jew tal-uzu sewwa tas-sigilli, timbri jew ghodod ohra ikkommetta reat;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Victor Aquilina;

Semghat lill-imputati jammettu ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u dana minkejja l-fatt li l-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputati bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u ikkonceditilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkunsidraw it-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputati ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom, ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li ssib lil **Raymond Portelli** hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu **u** lil **Clyde Joe Cassar** hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena, filwaqt li kkunsidrat il-gravità ta’ l-akkuzi li taghhom l-imputati qed iwiegbu li huma hatja, hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li: l-imputat Clyde Joe Cassar ghandu fedina penali netta u li rregistra ammissjoni bikrija u li l-imputat Raymond Portelli rregistra ammissjoni bikrija.

Ghaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 48A, 172, 179, 189 u 190 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 3(a) u 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lil **Raymond Portelli** hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu **u** lil **Clyde Joe Cassar** hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, tikkundanna:

(A) Lil **Raymond Portelli** ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija, madanakollu peress illi fil-fehma Taghha f’dan il-kaz jissussistu cirkostanzi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta’ dan it-terminu ta’ prigunerija, ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tissosspendi t-terminu ta’ tmintax-il (18) xahar prigunerija ghal perijodu ta’ sentejn (2) mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lil **Raymond Portelli** bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk matul il-perijodu operattiv jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija; u

(B) **Clyde Joe Cassar** ghal sentejn (2) prigunerija, madanakollu peress illi fil-fehma Taghha f'dan il-kaz jissussistu cirkostanzi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta' dan it-terminu ta' prigunerija, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi t-terminu ta' sentejn (2) prigunerija ghal perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza. Il-Qorti in oltre tikkundannah ghall-interdizzjoni generali perpetwa u dan a tenur ta' l-Artikolu 190 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lil **Clyde Joe Cassar** bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk matul il-perijodu operattiv jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-procedimenti u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------